



Brussell, 17 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

9920/22

POLCOM 45
WTO 109

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	It-tieni sett ta' konklużjonijiet tal-Kunsill fi tmiem it-12-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness it-tieni sett ta' konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-12-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, kif adottati mill-Kunsill permezz ta' proċedura bil-miktub fis-17 ta' Ġunju 2022.

It-tieni sett ta' konklużjonijiet tal-Kunsill

fit-tmiem tat-12-il Konferenza Ministerjali tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ

1. Il-Kummissjoni infurmat lill-Kunsill dwar l-aħħar żviluppi fit-12-il Konferenza Ministerjali tad-WTO. Il-Kunsill qasam il-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni tal-pakkett ġenerali miksub.
2. B'mod partikolari, il-Kunsill laqa' b'sodisfazzjon ir-riżultati dwar is-sussidji tas-sajd; il-kummerċ u s-saħħa u miżuri relatati mal-proprietà intellettuali, il-kummerċ u s-sigurtà tal-ikel, ir-riforma tad-WTO u l-moratorju tal-kummerċ elettroniku.
3. Il-Kunsill japprova l-abbozzi ta' Dikjarazzjonijiet u Stqarrijiet dwar:
 - a. Dikjarazzjoni Ministerjali dwar ir-rispons tad-WTO għall-pandemija tal-COVID-19 u t-tnejn għal pandemiji futuri (WT/MIN (22)/W/13)
 - b. Dikjarazzjoni Ministerjali dwar ir-rispons ta' emerġenza għan-nuqqas ta' sigurtà tal-ikel (WT/MIN (22)/W/17/Rev.1)
4. Il-Kunsill japprova wkoll l-abbozz ta' dokument ta' eżitu fil-forma ta' Dikjarazzjoni Ministerjali (WT/MIN (22)/W/16/Rev.1).